Kunsill Lokali Żejtun
'Dar iż-Żwieten', 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN Citta' Beland

Frott iż-Żebbuġ Ismi

| | | |
|---|---|---|
| Seduta | 03/14 tas-seba' Kunsill Lokali elett Marzu 2011 | |
| Data | 13/03/2014 fis-6.15pm | |
| Post | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun | |
| Attendenza | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | Viċi-Sindku Maria Dolores Abela | Preżenti |
| | Amanda Abela | Preżenti |
| | Joan Agius | Preżenti mis-6.20pm |
| | Claude Camilleri | Preżenti |
| | Raymond Caruana | Preżenti |
| | Sean Chircop | Preżenti |
| | Stephania Fenech | Preżenti |
| | Joseph Hales | Preżenti |

**Preżenti wkoll**

Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon
Assistent Prinċipal Caroline Schembri
Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ Christabel Carabott

**03. 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 03. 1. 1 | | Proponent: Viċi-Sindku<br>Sekondant: Caruana | Il-Minuti 01/14 inqraw u ġew approvati nem.con bil-korrezzjonijiet li ġejjin:- | |
| | 01.2.34 | Minflok il-kelma 'bejn' tidħol il-kelma 'fi'. | | |
| | 01.2.40 | Wara l-kelma 'għall'- tidħol il-kelma 'koperazzjoni fl-'. | | |
| | 01.3.10 | Minflok il-kelma 'kundizzjonijiet' tidħol il-kelma 'kriterji'. | | |
| | 01.9.18 | Minflok il-kunjom 'Abela', jidħol il-kunjom 'Zahra'. | | |
| | 01.9.22 | Minflok 'heritage routes' jidħlu l-kliem 'tourist itinerary' u fl-aħħar tas-sentenza jidħlu l-kliem ' dwar il-heritage routes'. | | |
| | 01.9.35 | Fl-aħħar tas-sentenza jidħlu l-kliem 'mill-ftuħ'. | | |
| 03. 1. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |
| 03. 1. 3 | | Proponent: Fenech<br>Sekondant: Abela | Il-Minuti 02/14 inqraw u ġew approvati nem.con bil-korrezzjonijiet li ġejjin:- | |
| | 02.6.2 | Fl-aħħar tas-sentenza jiżdiedu l-kliem 'qabel niġġudikaw it-tender'. | | |
| | 02.8.2 | Il-paragrafu jiġi jinqara hekk: Fenech staqsiet għaliex tal-linja mhux qed jibqgħu neżlin. | | |
| | 02.8.9 | Minflok 'April' jidħol ix-xahar ta' 'Frar'. | | |
| | 02.8.10 | Minflok il-kelma 'kuntrattur' tidħol il-kelma 'promotur'. | | |
| 03. 1. 4 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**03. 2. Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 03. 2. 1 | 02.8.1 | Viċi-Sindku: Reserved Parkings | Il-Viċi-Sindku rrapurtat lill-Kunsill li m'hemmx permessi maħruġin minn TM għal reserved parking fi Triq Anġlu Gatt. Il-Kunsilliera Agius semmiet li xi residenti saqsew dwar reserved parking li sar fi Triq Luqa Briffa quddiem residenza li għandha garaxx. Hawnhekk il-Kunsillier Hales qam minn mal-mejda peress li r-residenti jiġi minnu. Il-Viċi-Sindku spjegat li hija marret fuq il-post u fil-mili ta' l-aplikazzjoni indikat li r-resdient kellu garaxx pero' ħasset li kellha tinsisti ma' TM li r-reserved parking kellu jingħata għax il-każ kien ġenwin. Is-Sindku spjega li filwaqt li għandna ngħinu b'kull mod lill-persuni b'diżabilita', il-Kunsill m'għandux jagħmel eċċezzjonijiet sabiex nimxu ugwali ma' kulħadd u meta jkun hemm każijiet bħal dawn għandhom jinġiebu għal-laqgħa tal-Kunsill. Ir-regola għandha tibqa' kif kienet dejjem li jekk ikun hemm bżonn isiru eċċezzjonijiet, dawn isiru mill-Bord tal-Gvern. Il-Kunsilliera Fenech infurmat lill-Kunsill li hemm ukoll reserved parking quddiem residenza bil-garaxx fi Triq John Borg. | Viċi-Sindku |
| 03. 2. 2 | 02.8.2 | Fenech: Rotta tal-Linja nru 84 | Il-Kunsillier Hales spjega li dwar il-karozza tal-linja nru 84 ntbagħtet ittra lill-Ministru konċernat u għadna qed nistennew risposta. Meta ġie avviċinat xufier tal-linja dan qal li l-istruzzjonijiet li kellu kienet li jieqaf f'Misraħ Carlo Diacono. | Hales |
| 03. 2. 3 | 02.8.3 | Fenech: Proġett taż-Żgħażagħ | Fenech infurmat lill-Kunsill li saret sottomissjoni ta' applikazzjoni sabiex nibbenfikaw minn fondi ta' l-EU. Hija qalet ukoll li n-nursery tal-futbol ukoll ser tibbenifika minn fondi u ser ikunu ikkuntattjati s-sezzjonijiet ta' l-isports tal-ġemellaġġi ta' Tocina u Celano sabiex jieħdu sehem fil-proġett. | Fenech |
| 03. 2. 4 | 02.8.5 | Caruana: Sleeping Policeman fi Triq Lvant | Is-Sindku spjega li l-isleeping policeman fi Triq Lvant għadha ma saritx peress li hemm problema mar-residenti. | Sindku |
| 03. 2. 5 | 02.8.6 | Caruana: Mera tat-traffiku fi Triq il-Qalb ta' Ġesu' għal Triq Santu Wistin | Hales informa lill-Kunsill li saret spezzjoni fuq il-post u qal li jkun aħjar li issir stop sign biż-żebgħa ma' l-art u tabella mal-ħajt. Dan peress li t-triq hija 90 degrees rightangle iżda **l-Kunsill qabel li mirja għandhom jitwaħħlu biss f'blind corners.** | Hales |
| 03. 2. 6 | 02.8.10 | Viċi-Sindku: Għotja ta' siġar | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li tinsab diżappuntata li ma sarx kuntatt mal-promutur Steve Borg dwar l-għoti ta' siġar. Borg infurmaha li s-siġar ser jingħataw lill-Kunsill ieħor. | Segretarjat |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 03. 2. 7 | 01.2.2 | Agius: Ħlas lill-kuntrattur Frankie Mifsud | Il-Kunsillier Agius staqsiet jekk ktibniex sabiex issir laqgħa oħra mal-Housing dwar il-ħlas tal-kuntrattur Frankie Mifsud. Hija talbet sabiex nirringrazzjaw lill-Onor. Marie Louise Coleiro Preca u nifirħula għall-kariga ġdida tagħha. **Il-Kunsill qabel.** | Agius |
| 03. 2. 8 | 01.2.3 | Agius: Ġbir ta' ħġieġ | Il-Kunsilliera Agius infurmat lill-Kunsill li qed ikun hemm ħafna bnadi fejn il-ħġieġ mhux jinġabar. **Il-Kunsill qabel li jiltaqa' mal-Greenpak.** | Agius |
| 03. 2. 9 | 01.2.7 | Agius: Bollards ħdejn l-iskola | **Il-Kunsill qabel li l-bollards isiru biss fi Triq Antonio Micallef.** | |
| 03. 2. 10 | 01.2.8 | Chircop: Stop sign fi Triq Mikiel Cachia k/m Triq il-Qalb ta' Ġesu' | Hales informa lill-Kunsill li dan tneħħa iżda ser isir wieħed fi Triq il-Qalb ta' Ġesu' k/m Triq Mikiel Cachia. | Hales |
| 03. 2. 11 | 01.2.9 | Fenech: Żurżieqa fil-bandli ta' Ġnien San Girgor | Is-Sindku spjega li ż-żurżieqa issewwiet pero' reġa' inqala peress li għamlet ix-xita. | Sindku |
| 03. 2. 12 | 01.2.10 | Hales: Mera faċċata tal-parkeġġ f'Misraħ Diċembru XIII | Hales irraporta li din twaħħlet fi Triq Ħabel ix-Xgħir k/m Triq San Girgor. | Hales |
| 03. 2. 13 | 01.2.16 | Hales: Parkeġġ fuq il-bankina fi Triq Dun Ġwann Tabone | Hales informa lill-Kunsill li dawn saru. | Hales |
| 03. 2. 14 | 01.2.17 | Fenech: Bibien ġodda | Fenech irringrazzjat lill-Kunsill peress li sar il-bieb il-ġdid tal-gym. Agius qalet li l-bieb ġdid tac-Child Day Care Centre għandu xi problemi. Għaldaqstant ser isir kuntatt mal-fornitur. | Sindku |
| 03. 2. 15 | 01.2.18 | Chircop: Bolla ġdida | Il-Kunsillier Chircop għadda l-ilment dwar il-bolla żgħira lis-Sinjr. M'Grace Simpson. | Chircop |
| 03. 2. 16 | 01.2.19 | Camilleri: Bijografija Dr Alexander Cachia Zammit | Camilleri informa lill-Kunsill li kiteb dwar il-ktieb iżda għadu ma rċeviex risposta. | Camilleri |
| 03. 2. 17 | 01.2.26 | Agius: Statwa 'Popcorn' | Agius infurmat lill-Kunsill li l-istatwa 'Popcorn' tpoġġiet fil-Pjazza u ser iddum hemm xahar. | Agius |
| 03. 2. 18 | 01.2.29 | Viċi-Sindku: Recycle bins fid-Dar ta' l-Anzjani | Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk kienx hemm xi żviluppi dwar il-provvista ta' recycle bins fid-dar ta' l-anzjani. Ir-risposta kienet fin-negattiv. | Viċi-Sindku Abela |
| 03. 2. 19 | 01.2.35 | Camilleri: Bins on wheels mingħajr għatu | Hales informa lill-Kunsill li f'laqgħa li saret bejn is-Sindku u Joe Hales flimkien mal-kuntrattur, dan issuġġerixxa li l-bins on wheels li baqa' f'Ta' Ganza u Ħal Tmiem għandhom jitneħħew.<br>Sar qbil li dawk ta' Ġebel San Martin jitneħħew b'effett mit-3 ta' Marzu 2014. **Il-Kunsill qabel li l-bins on wheels kollha għandhom jitneħħew sa l-aħħar ta' Mejju.** | Hales |
| 03. 2. 20 | 01.2.36 | Caruana: Plakka bl-isem ta' Triq il-Kostituzzjoni | Hales irraporta li din ġiet irranġata. | Hales |
| 03. 2. 21 | 01.8.1 | Hales: Irħama mar-residenza ta' Wistin Abela | Hales irraporta li din twaħħlet Il-Viċi-Sindku, f'isem il-familja, irringrazzjat lill-Kunsill. | Hales |
| 03. 2. 22 | 01.8.3 | Chircop: Lapida | Chircop informa lill-Kunsill li l-lapida f'għeluq l-400 sena mill-aħħar ħbit ser titwaħħal fejn il-Knisja ta' San Girgor. | Chircop |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 03. 2. 23 | 01.8.4 | Camilleri: Skema Librerìji | Camilleri staqsa jekk irċvenjinex konferma dwar l-iskema tal-librerìji u jekk ingħatatx il-lista tal-ħwienet minn fejn nisgħtu nixtru l-kotba. | Camilleri |
| 03. 2. 24 | 01.9.3 | Fenech: Ristrutturar tas-sala | Fenech infurmat lill-Kunsill li ġie aċċettat proġett sabiex issir ir-ristrutturar tas-sala tal-gym. Is-Sibt li għadda beda t-tindif fuq is-sala. Għada fil-5.30pm ser issir il-preżentazzjoni ta' Eur1,500 ġewwa l-Aġenzija Żgħażagħ. | Fenech |
| 03. 2. 25 | 01.9.5 | Viċi-Sindku: Underground bring in sites | Is-Sindku spjega li l-problema ta' l-underground bring in sites iddeterjorat u resqin biex dawn jingħalqu. Il-Kunsillier Hales informa lill-Kunsill li t-tabella li tindika li l-bring in sites fi Ġnien Brejġu mhumiex fi stat ta' użu, twaħħlet. | Abela |
| 03. 2. 26 | 01.9.8 | Hales: Bdil tal-flushing tal-pixxaturi tal-latrina | Hales informa lill-Kunsill li x-xogħol sar. | Hales |
| 03. 2. 27 | 01.9.10 | Chircop: Boundary Signs | Is-Sindku qal li l-HSBC weghduna bil-fomm li dawn ser isiru. | Hales |
| 03. 2. 28 | 01.9.11 | Hales: One way Triq San Klement il-parti d-dejqa | Hales qal li din saret. | Hales |
| 03. 2. 29 | 01.9.12 | Caruana: Ġbir ta' skart | Il-Kunsillier Caruana talab sabiex ma jsirx ġbir ta' skart viċin l-iskejjel waqt il-ħinijet tad-dħul ta' l-iskola. | Hales |
| 03. 2. 30 | 01.9.15 | Hales:Tabelli fi Triq id-Daħla ta' San Tumas | Hales irraporta li twaħħlu tabelli li jindikaw il-liwja li tinsab 'l isfel mill-ħanut tat-tiġieġ. | Hales |
| 03. 2. 31 | 01.9.16 | Fenech: Vandaliżmu | Fenech staqsiet jekk kienx hemm xi progress dwar il-vandaliżmu u infurmat lill-Kunsill li l-bus shelter ta' ħdejn Ġnien iż-Żgħożija qed jinqalalu s-saqaf. Min-naħa l-oħra l-Kunsillier Hales informa lill-Kunsill li l-bus stops inħaslu kollha, iżda dak ta' ħdejn il-Madonna tal-Ħniena jinħtieġ jinbidel. | Sindku |
| 03. 2. 32 | 01.9.17 | Chircop: Priority Sign fi Triq Santu Wistin għal Triq id-Duluri | Hales irraporta din twaħħlet. | Hales |
| 03. 2. 33 | 01.9.19 | Chircop: Grupp tal-Filatelija | Chircop informa lill-Kunsill li l-Grupp tal-Filatelija attenda għas-serata li saret f'Dar il-Mediterran u ppreżenta lill-Kunsill sett ta' bolol li saru bejn Malta u Israel li ngħataw waqt is-serata. | Chircop |
| 03. 2. 34 | 01.9.24 | Camilleri: Traffic Island fi Triq Ħal Tarxien | Camilleri staqsa jekk kienx hemm xi risposta minn TM dwar it-traffic island ta' Triq Ħal Tarxien. Is-Segretarju spjega li kull ħaġa li applikajna għaliha ma' TM iriduha ppreparata mill-Perit tal-Kunsill. | Sindku |
| 03. 2. 35 | 01.9.25 | Camilleri: Mera tat-traffiku għal min ikun ħiereġ minn Triq Sciortino | Hales irraporta li din twaħħlet. | Hales |
| 03. 2. 36 | 01.9.27 | Agius: Parenting Skills Course | Agius infurmat lill-Kunsill li l-parenting skills saru u kienu suċċess għalkemm ma kienx hemm attendenza kbira. | Agius |
| 03. 2. 37 | 01.9.28 | Agius: Mixja b'Differenza | Agius infurmat lill-Kunsill li l-mixja saret. Il-mixja li jmiss ser fis-7 ta' April. | Agius |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 03. 2. 38 01.9.29 | Agius: Proġett mas-Sedqa | Agius irrapurtat lill-Kunsill li ħadd mill-għaqdiet ma attenda u għaldaqstant darb'oħra ser immorru aħna għand l-għaqdiet. | Agius |
| 03. 2. 39 01.9.30 | Agius: Yellow Lines fi Triq Melchiorre u Lorenzo Gafa' | Hales informa lill-Kunsill li dawn saru . | Hales |
| 03. 2. 40 01.9.32 | Agius: Ċavetta tal-gate ħdejn il-Klabb tal-Boċċi | Peress li ċ-ċavetta ma nstabitx, Hales ġie mitlub li jinbidel il-katnazz. | Hales |
| 03. 2. 41 01.9.33 | Agius: Karnival tan-Nadur | Agius irrapurtat l-attivita tal-karnival tan-Nadur li ntlaqgħet tajjeb ħafna. | Agius |
| 03. 2. 42 01.9.36 | Viċi-Sindku: Stop sign fi Triq Dun Ġwann Farrugia k/m Triq Felicia Abela | Hales informa lill-Kunsill li din saret. | Hales |

**03. 3. Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML03/14. B'riferenza għal:

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 03. 3. 1 | 01 | Mepa: PA428/14 | **Il-Kunsill qabel nem.con li għandu jiġbed l-attenzjoni tal-MEPA sabiex jinżamm il-karattru tal-post ta' dawn l-iżviluppi.** | Sindku |
| 03. 3. 2 | 04 | Mepa: Sqaq Skarpell, M'Skala | **Il-Kunsill innota li Sqaq Skarpell ma jagħmilx maż-Żejtun.** | |
| 03. 3. 3 | 05 | Mepa: Żbir ta' siġar - Vjal 25 ta' Novembru | Hales informa lill-Kunsill li l-MEPA ma approvatx it-talba tal-Kunsill sabiex jinqatgħu zkuk tas-siġar tal-pinus li fil-fehma tal-Kunsill huma perikolużi għat-traffiku.<br>**Il-Kunsill qabel li jikteb lill-Mepa fejn jinfurmhom li ser iżommhom responsabbli għal kull inċident li jista' jinqala'. Kopja ta' din għandha tiġi mibgħuta ukoll lis-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Mepa.** | Hales |
| 03. 3. 4 | 06 | MEPA: UIF | Il-Kunsill innota li parti mill-flus ta' l-UIF ser jintużaw biex isiru ħitan madwar plots mitluqa. | Sindku |
| 03. 3. 5 | 15 | MMU: Xogħol fi Triq id-Daħla ta' San Tumas | Il-Kunsillier Hales irrimarka li MMU ġiet infurmata li dan hu xogħol privat. | Hales |
| 03. 3. 6 | 19 | Għaqda tan-Nar: Avviżi fil-Pubblikazzjonijiet tal-Festa | **Bħal kull sena l-Kunsill qabel li jagħmel avviżi fil-pubblikazzjonijiet tal-festa tal-Għaqda Banda Beland, tal-Għaqda Banda Żejtun, Għaqda tan-Nar u Għaqda ta' l-Armar. Dan għal Eur25 kull għaqda.** | Segretarjat |
| 03. 3. 7 | 20 | Qorti ta' Malta: Inċident fi Sqaq San Anard | **Il-Kunsill qabel li jagħmel site plan bir-ritratti peress li Sqaq San Anard huwa dejjaq u ma jistax ikun li sar aċċident tat-traffiku f'dan l-isqaq.** | |

**03. 4. Ħlasijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 03. 4. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 03/14 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarjat |
| 03. 4. 2 | | Tabella tal-Hlasijiet 03/14 | Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 03/14 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella. | Segretarjat |
| 03. 4. 3 | | Talbiet għal Xiri 03/14 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarjat |
| 03. 4. 4 | | Petty Cash - Frar 2014 | Il-Kunsill approva nem.con. il-petty cash li ntefaq fix-xahar ta' Frar hekk kif prezentat. Dan kien jammonta għal €88.32. | |

**03. 5. Ġieh iż-Żejtun**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 03. 5. 1 | | Sindku: Jirraporta | Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rċieva erba' nominazzjonijiet għal Ġieh iż-Żejtun. Nominazzjoni waħda għal Fredu Abela u tliet nominazzjonijiet għal Nenu Delia. Huwa qara s-Cv taż-żewġ persuni nominati. Is-Sur Abela ħadem fil-qasam ta' l-għana filwaqt li s-Sur Delia ħadem fil-bini tal-karrijiet tal-karnival u sabiex jibda jiġi ċċelebrat l-irxoxt fiż-Żejtun. | Chircop |
| 03. 5. 2 | | | Il-Kunsill innota li Fredu Abela u Nenu Delia huma t-tnejn persuni validi u bi qbil unanimu **qabel li għal din is-sena Ġieh iż-Żejtun imur għal Nenu Delia.** | |
| 03. 5. 3 | | Chircop: Jirraporta | Il-Kunsillier Chircop fakkar lill-Kunsilliera li fl-10am tad-19 ta' Marzu ser tinfetaħ il-wirja tar-ritratti li tkopri l-20 sena ta' ħidma fil-Kunsilli Lokali li qed jaħdmu fuqha l-Kunsillieri Agius u Chircop filwaqt li fis-7.30pm ġewwa l-Juventutis Domus tittella s-serata ta' Ġieh iż-Żejtun fejn fiha jingħata l-premju tal-ġieh u jitħabbru r-rebbieħa tal-konkors letterarju kif ukoll ser jiġu ppreżentati ċ-ċertifkati tat-TCTC. Din is-serata ser tkun animata minn 5 mużiċisti tal-grupp Regina Cieli. | Chircop |

**03. 6. Risposta għall-White Paper fuq l-Infurzar Lokali**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 03. 6. 1 | | Sindku: Jirraporta | Il-Kunsilliera ingħataw kopja tal-white paper li qed tiġi proposta fir-rigward ta' l-infurzar lokali. Is-Sindku ħeġġeġ lill-Kunsilliera sabiex jattendu għas-seminar li ser Is-Sibt 15 ta' Marzu ġewwa l-Hotel Excelsior. | Sindku |
| 03. 6. 2 | | Sindku: Punti | Is-Sindku nforma lill-Kunsill u ddiskuta dwar diversi punti li ser jitqajjmu fir-risposta li ser jagħti dwar l-istess white paper lill-Onor. Ministru Jose' Herrera. | Sindku |

**03. 7. Tender Konġunta - Dwal tat-Toroq**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 03. 7. 1 | | Sindku: Jirraporta | Is-Sindku informa lill-Kunsill li wasalna sabiex tinħareġ it-tender b'mod konġunt flimkien ma' erba' kunsilli lokali oħra: Żabbar/M'Xlokk/M'Skala u Safi. Bħalissa qed tiġi finalizzata t-tender. | Sindku |

**03. 8. Artiklu 17 tal-Kodiċi ta' l-Etika**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 03. 8. 1 | | Sindku: Ilmenti | Is-Sindku talab lill-Kunsilliera sabiex l-ilmenti li jkollhom għandhom jgħaddu lil customer care. | |
| 03. 8. 2 | | Sindku: Dekasteri | Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsilliera sabiex kulħadd iżomm mad-dekasteru li ngħata lilu u sabiex ħadd ma jidħol fuq ħadd. Dan skond l-artiklu 17 tal-kodiċi ta' l-etika. Huwa importanti li kulħadd jifhem li ilment, talba, informazzjoni etc għandha tgħaddi għand is-Sindku jew il-kunsillier inkarigat skond id-dekasteru. | |

**03. 9. Kwotazzjoni - Notice Board**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 03. 9. 1 | 01.9.9 | Hales: NoticeBoard | Is-Segretarju rrapporta li waslu żewġ kwotazzjonijiet. Dik ta' Anthony Grima ta' Eur320 u ta' Manuel Fenech Eur465. **Il-Kunsill qabel li għandha tiġi kkunsidrata l-orħos offerta.** Is-Sindku talab li għandu jiġi żgurat li jintuża materjal heavy duty. | Hales |

**03. 10. Mozzjonijiet, Xiri u Xogħlijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 03. 10. 1 | | Proponent: Hales<br>Sekondant: Agius | **Il-Kunsill qabel li ssir sleeping policeman fi Triq San Klement fil-parti d-dejqa li riċentement saret one way.** | Sindku |
| 03. 10. 2 | 01.8.1 | Hales: Misraħ Wistin Abela | B'referenza għal mozzjoni tal-Kunsillier Hales sabiex triq/misraħ jissemma għal Wistin Abela u li ġiet diskussa fil-laqgħa 01/14, **il-Kunsill qabel li, Misraħ Diċembru XIII jinbidel u jsir Misraħ Wistin Abela, Politiku u Għalliem 1933-2014.** Dan peress li fil-lokal diġa' jeżisti misraħ ieħor li jfakkar din il-ġrajja li huwa Misraħ ir-Repubblika. **Il-Kunsill qabel ukoll li, ma' l-isem ta' Misraħ ir-Repubblika tiżdied id-data Diċembru XIII 1974.** | Hales |

**03. 11. Affarijiet Oħra jekk meqjusa urġenti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 03. | 11. 1 | Sindku: Żjara mill-Onor Franco Mercieca | Is-Sindku informa lill-Kunsill li nhar is-17 ta' Marzu ser issir press confrence fid-Dar ta' l-Anzjani mill-Onor. Franco Mercieca. | Sindku |
| 03. | 11. 2 | Sindku: Bust ta' Ċalija | Is-Sindku informa lill-Kunsill li nhar il-5 ta' April ser jinkixef il-bus taċ-Ċalija fi Ġnien San Girgor. | Sindku |
| 03. | 11. 3 | Abela: Blk G Qasam Ta' Ganza | Abela talbet sabiex issir it-tarġa ta' Blk G f'Qasam Ta' Ganza. Il-Kunsilliera Agius infurmat lill-Kunsill li din it-tarġa saret riċentement. | Agius |
| 03. | 11. 4 | Abela: Patching fi Triq President A. Buttiġieġ | Abela reġgħet ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar tarak li niżel fejn dar nru.145 fi Triq President Anton Buttiġieġ filwaqt li l-Viċi-Sindku ġibdet l-attenzjoni dwar bżonn ta' patching quddiem bieb nru. 323 u 339 fl-istess triq. | Sindku |
| 03. | 11. 5 | Hales: Ipparkjar ta' vetturi fi Triq Ħabel ix-Xgħir | Hales talab sabiex ma jkunx hemm ipparkjar ta' vetturi fl-ebda parti ta' Triq Ħabel ix-Xgħir. Is-Sindku qal li għandha ssir junction box fejn dan qed iseħħ. Is-Sindku qal ukoll li l-istess problema teżisti fi Triq il-Gwiedi. | Hales |
| 03. | 11. 6 | Chircop: Crash barrier fi triq l-Isqof Emm. Galea | Chircop talab lill-Kunsill jikkunsidra li ssir crash barrier fi Triq l-Isqof Emm Galea ħal-ħajt ta' l-Istitut. Is-Sindku qal li hemmhekk hemm il-garaxxijiet. | Sindku |
| 03. | 11. 7 | Viċi-Sindku: Kanen fi Triq il-Labour | **Il-Kunsill qabel li jsiru kanen fi Triq il-Labour k/m Triq il-Ħaddiema** wara li evalwa l-periklu tal-pedestrians mis-sewwieqa. | Sindku |
| 03. | 11. 8 | Chircop: Triq Ħal Ġwann | Il-Kunsillier Chircop staqsa jekk hux ser tinfetaħ Triq Ħal Ġwann. Is-Sindku spjega li bħalissa m'għandux tagħrif meta dan ser iseħħ. | |
| 03. | 11. 9 | Chircop: Tfiegħ ta' skart fil-parti ta' fuq ta' Triq Ħal Gwann | Chircop talab sabiex jintbagħtu ittri lir-residenti sabiex ma jintefax skart fil-parti li tagħlaq ta' Triq Ħal Ġwann. **Il-Kunsill qabel li jitwaħħlu tabelli dwar dan l-abbuż.** | Hales |
| 03. | 11. 10 | Chircop: Tabella nieqsa fi Triq Kanonku de Domenico | Hales talab sabiex issir on site inspection bejnu u bejn il-Kunsillier Chircop. | Hales |
| 03. | 11. 11 | Chircop: Ħarġa | Chircop informa lill-Kunsill li fit-12 ta' April ser issir ħarġa lill-istudenti fl-iskavar tal-banjijiet rumani. | Chircop |
| 03. | 11. 12 | Chircop: Kompetizzjoni Ġimgħa Mqaddsa | **Il-Kunsill qabel li ssir kompetizzjoni fl-armar tal-Ġimgħa Mqaddsa fid-djar.** Is-Sindku talab ukoll sabiex issir ko-ordinazzjoni mal-Kunsilliera Agius sabiex jinħareġ il-fuljett annwali dwar il-wirjiet ~~fid-djar tal-wirjiet~~ tal-vari tal-Ġimgħa Mqaddsa. | Chircop |
| 03. | 11. 13 | C. Carabott: Youth Worker | L-ambaxxatriċi taż-żgħażagħ infurmat lill-Kunsill li għada 14 ta' Marzu ser issir it-tieni laqgħa tal-kunsill taż-żgħażagħ. Għal din il-laqgħa ser tattendi l-youth worker Diane Mallia. | Carabott |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 03. 11. 14 | Chircop: Ċerimonja Vittmi tal-Gwerra | Il-Kunsillier Chircop informa lill-Kunsill li din is-sena ċ-ċerimonja tal-Vittmi tal-Gwerra ser issir fl-4 ta' Mejju. | Chircop |
| 03. 11. 15 | Caruana: Salib tal-Ġimgħa l-Kbira | Caruana ppreżenta kwotazzjoni għal salib tal-Ġimgħa l-Kbira minn Gilbert Farrugia għall-prezz ta' Eur240. Is-Sindku spjega li ser jitlaqa' mal-Kunsillier Caruana sabiex jara jekk is-salib li diġa' għandu l-Kunsill għadux tajjeb jew le, jew ta' l-anqas jintużaw il-holders tal-bronz u għalhekk il-prezz jonqos konsiderevolment. | Sindku Caruana |
| 03. 11. 16 | Caruana: Parking bays fi Triq Anġlu Gatt | **Il-Kunsill qabel li dawn isiru.** | Hales |
| 03. 11. 17 | Caruana: Parkeġġ fi Triq Xejba | Il-Kunsillier Caruana informa lill-Kunsill dwar il-problema bejn ir-residenti fuq il-parkeġġ fi Triq Xejba. Is-Sindku spjega li diġa' ġie mgħarraf mill-Pulizija dwar l-inċident. | Sindku |
| 03. 11. 18 | Camilleri: Triq A. Cachia Zammit | Il-Kunsillier Camilleri staqsa jekk hux ser isir il-wiċċ ta' Triq Cachia Zammit. Ir-risposta kienet fil-pożittiv. | Sindku |
| 03. 11. 19 | Camilleri: Żejtun Week | Is-Sindku talab sabiex l-iskola tgħaddilna kopja tal-programm li għandhom imħejji għaż-Żejtun Week. **Għal fun run il-Kunsill qabel li jipprovdi u jagħmel tajjeb għas-servizz tal-gwardjan lokali.** | Camilleri |
| 03. 11. 20 | Camilleri: Child Day Care Centre | Camilleri staqsa jekk ic-CDCC hux ser jibda jopera mill-1 ta' Mejju. Is-Sindku spjega li bħalissa għaddejjin bid-diskussjonijiet ma' l-FES, li kienu tal-parir li għal għan tat-tmexxija għandha titwaqqaf Fondazzjoni li tinħtieġ parir legali. Minbarra l-FES nieħdu parir tad-Dipartiment tal-Ġustizzja. | Sindku Agius |
| 03. 11. 21 | Camilleri: Billboard Vjal 25 ta' Novembru | Il-Kunsillier Camilleri talab sabiex fuq il-billboard tal-Kunsill li hemm fi Vjal 25 ta' Novembru issir l-arma tal-Kunsill. **Il-Kunsill qabel.** | Sindku |
| 03. 11. 22 | Agius: Jum il-Mara | Il-Kunsilliera Agius infurmat lill-Kunsill li nhar is-26 ta' Marzu ser issir ħarġa fl-okkażjoni ta' Jum il-Mara fejn ser inżuru 5D Valletta, is-Sinjura Michelle Muscat f'Villa Farcina u waqfa fl-Imdina. F'ġurnata oħra ser issir għotja ta' demm. | Agius |
| 03. 11. 23 | Agius: Tfal Jadottaw Anzjan | Agius infurmat lill-Kunsill li ser jingħalaq il-proġett Tfal Jadottaw Anzjan. | Agius |
| 03. 11. 24 | Agius: Ħarġiet f'April | Bħala parti mill-attivitajiet tal-Ġimgħa Mqaddsa fis-17 ta' April ser issir il-ħarġa tas-seba' visti filwaqt li nhar il-Ġimgħa l-Kbira issir ħarġa għat-tfal fejn ser iżuru diversi settijiet ta' vari tal-Ġimgħa l-Kbira. Fil-quddies tal-Għid il-Kbir ser isir it-tqassim ta' figolli lit-tfal. F'April ser issir ħarġa fuq cruise liner. Aktar dettalji għadhom qed jiġu finalizzati. | Agius |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 03. | 11. 25 | Viċi-Sindku: Proġett fuq iż-Żejtun minn studenti | Il-Viċi-Sindku ġiet avviċinata minn għalliema sabiex nhar is-26 ta' Marzu iżuru lill-Kunsill grupp ta' studenti li ser jagħmlu proġett dwar iż-Żejtun fejn min-naħa tal-Kunsill jingħataw leaflets dwar is-suġġett. Is-Sindku spjega li jkun tajjeb li dan isir flimkien mal-kunsillier inkarigat Claude Camilleri. | Camilleri |
| 03. | 11. 26 | Viċi-Sindku: A plus Accessibilty Award | Il-Viċi-Sindku għamlet referenza għall-korrispondenza ta' l-Onor Franco Mercieca fejn il-Kunsilli qed jintalbu jwettqu proġett li jkunu aċċessibli. Ser ikun hemm 3 premjiet. Hija talbet lill-Kunsill jikkunsdira li jsiru l-bankini ta' Triq Santu Wistin peress li f'din it-triq hemm żewġ residenzi ta' persuni b'diżabilita'. Minn sitt kriterji, ħames kriterji minnhom jikkwalifaw 100%. Is-Sindku spjega li l-Kunsill diġa ikkommetta ruħu li jagħmel il-bankini ta' Triq Melchiorre u Lorenzo Gafa'. L-estimi sabiex issir il-bankina fi Triq Santu Wistin huwa ta' Eur18,000. Is-Sindku qal li l-Kunsill m'għandux flus ivvutati għal dan il-proġett. Huwa ppropona li din il-bankina ssir is-sena d-dieħla. **Il-Kunsill qabel li jieħu sehem f'dan il-proġett u jissottometti l-bankini taż-żewġ toroq imsemmija u ssir bandla għal persuni b'diżabilita'.** | Viċi-Sindku |
| 03. | 11. 27 | Chircop: Triq il-Palazzi | Il-Kunsillier Chircop staqsa jekk il-wiċċ ta' Triq il-Palazzi hux ser issir kollha. Is-Sindku spjega li skond il-pjanti mibgħuta minn TM din it-triq ser tingħata kollha iżda ser niġbdu l-attenzjoni ta' TM li aħjar ma jsir xejn milli ssir biċċa triq. | Sindku |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fl-10.00pm. Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis 10 ta' April, 2014 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Zejtun fis-6.00pm

Sindku
10/04/2014

Segretarju Eżekuttiv